# SANTA KATARINA FIL-BELT VALLETTA

*Kitba ta' Ruben Abela.*

## Il-Bini ta' Belt Ġdida

Sa mill-wasla ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, fl-1530, u aktar u aktar wara li l-istess Ordni kienet deċiża li ser tibqa' Malta, kien hemm il-ħsieb li tinbena belt ġdida. Din il-ħolma bdiet issir rejalta wara l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. Fit-28 ta' Marzu tal-1566 il-Granmastru La Valette qiegħed l-ewwel ġebla tal-Knisja tal-Vitorja, li jingħad li huwa l-ewwel bini li tela' fil-Belt Valletta. B'hekk bdiet tinbena dik li bosta jsejħu bħala 'Belt mill-ġentlomi għall-ġentlomi', iżda li ftit jafu li hija 'Belt ta' Wirt Dinji', dan minħabba l-importanza storika u arkitettonika tagħha. Iżda kif tidhol Santa Katarina f'din il-Belt?

## L-Ordni u Santa Katarina

Il-kult u d-devozzjoni lejn Santa Katarina fil-gżejjer Maltin kienu diġa' daħlu sew qabel il-miġja ta' l-Ordni. Ma setax jonqos li dawn komplew joktru mad-dħul f'pajjiżna ta' din l-Ordni reliġjuża. L-aktar li kkontribwiet għal dan it-tkattir kienet il-Lingwa ta' l-Italia (kull pajjiż li kien fl-Ordni kellu fergħa, jew Lingwa), li kienet tgħożż lil Santa Katarina bħala protettriċi speċjali ta' din l-istess Lingwa. Ma rridux ninsew ukoll li l-Ordni ta' San Ġwann twaqqfet fi żmien il-kruċjati, bi skop li tkun ta' għajnuna reliġjuża u medika għas-suldati meta l-Insara Ewropej kienu qed jiġġieldu gwerra fl-Art Imqaddsa. Kien proprju bis-saħħa ta' din il-gwerra li bosta qaddisin tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq saru magħrufa fl-Ewropa. Waħda mill-aktar magħrufa minnhom kienet Santa Katarina ta' Lixandra, li l-kult tagħha nfirex ma' l-Ewropa kollha b'mod speċjali fl-Italja.

## Santa Katarina fil-Knisja Konventwali

Wieħed mill-aktar binjiet importanti fil-Belt Valletta huwa proprju l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, jew kif kien magħruf mill-Ordni bħala l-Knisja Konventwali. F'San Ġwann, kif nafuh aħna l-Maltin, kull Lingwa ta' l-Ordni kellha kappella. Il-Lingwa ta' l-Italja ġiet mogħtija kapella mill-Kunsill ta' l-Ordni fit-13 ta' Marzu ta' l-1603. Din il-kappella ġiet iddedikata lil Santa Katarina u fiha hemm diversi nkwatri li juru xeni mill-ħajja ta' din il-qaddisa. Il-kappella hija mżejna b'irħam mill-isbaħ u hija meqjusa bħala waħda mill-aktar importanti, dan minħabba li fiha hemm uħud mill-isbaħ teżori ta' l-Arti, fosthom ukoll il-pittura ta' San Ġirolomo ta' Caravaggio.

## Santa Katarina fil-Berġa ta' L-Italia

Kull Lingwa ta' l-Ordni kellha Lingwa jew Auberge tagħha - bini minn fejn kienet tiġi amministrata l-istess Lingwa. Il-Lingwa ta' l-Italia



***Il-Knisja ta' Santa Katarina li tinsab faċċata tal-Knisja tal-Vitorja fil-Belt Valletta.***

kellha l-Berġa tagħha fil-bidu ta' triq Merkanti, fejn sa xi xhur ilu kien hemm il-Posta u d-Dipartiment ta' l-Ilma. Din il-Berġa, Palazz mill-isbaħ li oriġinarjament inbniet minn Ġirolomo Cassar fl-1574 fiha bitħa kbira fin-nofs tagħha. F'din il-bitħa hemm arkata tal-ġebel, fl-ogħla parti ta' din l-arkata hemm statwa artistika tal-ġebel li turi l-figura ta' Santa Katarina.

**Santa Katarina d'Italia**

Biswit il-Berġa ta' l-Italia, u faċċata tal-knisja tal-Vitorja, hemm knisja żgħira. Hu maħsub li Santa Katarina d'Italia oriġinarjament inbniet minn Ġirolomo Cassar wara li nbniet il-Berġa ta' l-Italia, iżda din ġiet imġedda fl-1713 minn arkitett Taljan - Romano Carapecchia, li żejjinha b'arkitettura barokka fl-aqwa tagħha. Il-knisja għandha pjanta ottagonali msaqqfa b'koppla mill-isbaħ. L-inkwatru titulari ta' din il-knisja huwa tal-pittur Stefano Erardi u juri l-martirju ta' Santa Katarina. L-inkwadru titulari tal-knisja taż-Żejtun huwa kopja identika ta' l-istess pittura. Mattia Preti pitter il-koppla żgħira li hemm fuq l-artal prinċipali, pittura li tirrappreżenta l-Missier Etern imdawwar bl-Anġli.

**Il-Kunvent u l-Knisja ta' Santa Katarina**

Fi Triq ir-Repubblika, 'l isfel mill-palazz tal-president, hemm kunvent tas-sorijiet tal-Klawsura flimkien ma' knisja żgħira ddedikata lil Santa Katarina. Dan il-kunvent flimkien mal-knisja ġew iddisinjati wkoll minn Carapecchia u x-xogħol fuqhom inbeda fl-1714. Huwa magħruf li minħabba fi problemi finanzjarji, ix-xogħol fuq din il-knisja kien waqaf għal xi snin u tkompla fl-1765 taħt il-gwida ta' l-arkitett Żejtuni Antonio Cachia.

**Referenzi:**

**Abela Ruben et. al.**, Santa Catarina d'Italia - Valletta: Condition Report. (mhux ippubblikat)

**Buhagiar Mario,** St Catherine of Alexandria: Her Churches; Paintings and Statues in the Maltese Islands. 1979.

**Hughes Quentin,** The Building Of Malta 1530 - 1967.

**Mahoney Leonard,** A History of Maltese Architecture, 1988.

Catherine Hair Studio

Triq il-Qadi, Żejtun

**For CUTS, PERMS, COLOURING, HIGHLIGHTS, UPSTYLES etc.**

Open: Tuesday, Thursday, Saturday, mornings.
Monday, Friday afternoons.

**For Appointment: Tel: 673823.**

MERCIECA Alex BATHROOM CENTRE

25th November Avenue, c/w Labour Avenue, Żejtun
ŻTN 05.
Tel: 695438, 664973, 672049
Fax: 673587

The EXCITING Collection Roca

*Come and see for yourself the exciting new collection of quality bathrooms and ceramic tiles, imported exclusively from Spain. You can choose from a range of brands renowned worldwide.*

*We have a large selection of:*

- *Showers*
- *Mixers and Accessories*
- *Water Heaters*
- *Acrylic / Cast Iron Baths*
- *Hydromassage*
- *Kitchen Sinks*
- *Bathroom Mirrors and Lighting*
- *also available Monocottura Floor Tiles and Wall Tiles*